**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 211/97

Tancred Mizzi

vs

Bank of Valletta Limited

Illum 17 ta' Jannar, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn in-1987 u n-1995 huwa sofra ingustizzja f'li gie maqlugh mill-Computer Department fejn kien jokkupa l-kariga ta' Systems Analyst and Designer.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien ilu fil-Computer Department ghall-aktar minn hames snin. Qabel dan iz-zmien kien attenda kors fil-Programming fl-

Universita ta' Malta u ghadda mit-test li kellhom fl-ahhar tal-course. Bic-certifikati li kellu f'idu il-BOV offrielu sabiex jifforma parti mill-Computer Department. Matul iz-zmien tieghu f'dan id-Dipartiment attenda diversi courses (relatati ma' dan ix-xoghol) kemm f'Malta kif ukoll barra. Anke ghadda minn ezamijiet li kellu jpoggi ghalihom per konsegwenza ta' dawn l-istess courses. Huwa kien jifforma parti minn team li wettaq l-ewwel sistemi komputerizzati fil-BOV fosthom sistema tal-Kont Kurrent u ohrajn.

Ftit wara li nbidel il-Gvern, fl-1987 inghata l-ewwel trasferiment li permezz tieghu gie imcahhad milli jkompli jezercita u jzid l-esperjenza fil-qasam li ghalih l-istess bank kien jonfoq il-flus sabiex ikompli jitharreg, minghajr ma inghata ebda raguni. Minhabba dan it-trasferiment huwa gie imcahhad milli jkompli javvanza f'din il-karriera specjalizzata u b'konsegwenza ta' hekk, ukoll, qed ibaghti finanzjarjament.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata lura l-kariga li kellu fl-IT u jigi rimedjat finanzjarjament daqs li kieku din l-ingustizzja ma gietx sofferta mill-bidu nett, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fit-22 ta' Lulju 1997, ir-rikorrent Tancred Mizzi pprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Illi ghandu jinghad li l-Bank of Valletta Limited qatt ma ezercita transfers vendikattivi fil-konfront ta' l-istess Tancred Mizzi in kwantu kif huwa normali hafna go post tax-xoghol ghal Bank of Valletta li haddiem jigi trasferit minn post ghall-iehor wara perjodu ta' servizz u dan skond il-ftehim kollettiv huwa prerogattiva tal-Management tal-Bank.

Illi fil-fatt l-istess Tancred Mizzi kien veru parti minn team originali ta' l-ewwel sistema kompjuterizzati fil-Bank of Valletta Limited, izda ghandu jinghad li dak iz-zmien is-sistema kompjuterizzata tant kienet wahda elementari li kienet tippermetti lill-istess Tancred Mizzi li jahdem f'dan id-Dipartiment.

Illi llum l-istess Dipartiment tant huwa wiehed sofistikat li l-istess Tancred Mizzi certament ma jikkwalifikax sabiex ikollu postu fl-istess Dipartiment u ghalhekk qatt ma ntbaghat lura lejn l-istess Dipartiment.

Illi mir-rikors tieghu stess, l-istess Tancred Mizzi ma allegax fl-ebda waqt li fl-IT Department iddahhlu nies anqas kwalifikati

minnu u ghalhekk il-Bank ma jifhimx liema pregudizzju qieghed jallega l-istess Tancred Mizzi.

Illi l-Artiklu 6(1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' lmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih jew ta xi…

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ngustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu xi **distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita** tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghaldaqstant l-intimati Bank of Valletta Limited talbu li dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent, bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent u kkonferma l-kontenut tieghu. Semma li l-persuna li ntbaghatet minn floku fil-fatt kien wiehed li jahdem maghhom li jismu Brian Micallef. Brian Micallef qabel kien fil-computer centre ukoll. Meta ir-rikorrent dahal fis-section tal-computers Brian Micallef kien ilu li spicca minn hemmhekk. Hu ma dahal flok hadt. Ic-chairman ta` dak iz-zmien li kien Joseph Tabone kien qallu li jridu jibqa` jahdem fuq il-computers. Fil-fatt hu gie transferred ghall-I.F.B., Investment Finance Bank, Strada Stretta. Computers aktar qatt ma nghata. Dak iz-zmien li kien jahdem fis-section tal-computers ma kellux kuntratti. Ma kenitx ghadha bdiet il-policy li jaghmlu l-kuntratti.

Ray Cassar Bank Manager il-Card Centre xehed li l-linja tieghu hija fuq il-computers, u ilu jahdem fuqhom mill-1979. Semma li kien manager tar-rikorrent matul l-1985, 1986 u parti mill-1987, u kien dejjem senior tieghu. Fl-1983 kienu marru flimkien jaghmlu kors Londra ta` System Analysis. Xehed li kien ra improvement kbir fir-rikorrent sakemm ha t-transfer. Il-performance tieghu kienet dejjem sodisfacenti hafna.

Qabel l-1984 il-Bank Of Valletta ma kellux computers imbaghad meta beda l-progett kienu hamsa minn nies kollox, wiehed senior tax-xhud, hu, ir-rikorent u tnejn ohra. Bdew jizdiedu dejjem is-sistemi. Dawn kienu developed in house. Fl-1987 ir-rikorrent kien

qala' transfer. Sena wara ha transfer x-xhud ukoll izda fl-1992 reggha lura ghall-Information Technology Card Centre. Fil-kors tal-1993 kien sar Systems Analysis. Ir-rikorrent kien ghamel korsijiet fil-Cobal u fil-Basic. Ix-xoghol tar-rikorrent kien tajjeb u hu kien kwalifikat bizzejjed biex jaghmel ix-xoghol tal-computer tal-bank li kien jahdem il-bank dak iz-zmien. Dak iz-zmien kienu gja qeghdin jahdmu fuq Personnel System, Sundry Creditors, Foreign Currency Accounts, Dividend Warrants u Current Account Systems.

Karmenu Vella segretarju tat-taqsima tal-General Workers Union li tikkejterja l-impjegati tal-bank xehed li jaf lir-rikorrent. Semma li fl-1987 ir-rikorrent kien infurmahom li kien gie trasferit mill-ITSD, u huma staqsew r-raguni. Ir-raguni li tahom l-bank kienet li din saret minhabba l-esigenza tas-servizz. Hassew li din ma kienitx raguni tajba u hassew li kien transfer diskriminatorju. Aktar u aktar meta kien qed jirrizulta li sistematikament il-membri kollha tal-General Workers Union li kienu qeghdin fil-Computer Section kienu qed jigu trasferiti u qed jigu replaced minn nies li ma kienux membri tal-General Workers Union.

Stephen Saliba li ilu impjegat mal-Bank of Valletta mill-1986, u li llum il-gurnata ghandu l-kariga ta` programmer 1 ITSD Department Bank of Valletta u ilu f` din il-kariga ghal dawn l-ahhar sentejn u tliet xhur xehed li jaf lir-rikorrent ghax kien dak iz-zmien li kienu jahdmu flimkien fil-computer department u hu kien system operator u hu kien Assistant Manager tad-Dipartiment. Ix-xoghol kien isir b` mod regolari. Ma jafx li kien hemm complaints fuq ix-

xoghol pero` hu kien grad izghar mir-rikorrent u ghalhekk il-complaints mhux suppost kienu li jaslu ghandu. Hu spicca fl-1988 u ma jafx x` kienet ir-raguni ghaliex spicca. Jaf li r-rikorrent gie replaced minn nies ohra li kellhom background ta` dak li kien qieghed isir pero` li kien ghalihom kamp gdid f` dik il-linja. Illum il-gurnata hemm struttura shiha ta` nies fid-dipartiment tat-teknologija.

Victor Denaro li ghandu l-kariga ta` Executive Head Information Technology Service Division mal-Bank Of Valletta. Semma li kien kellem lir-rikorrent darba precedentement pero` l-ewwel darba li fil-fatt tkellmu fit-tul kien fl-okkazjoni tal-1995 meta kien ghamel applikazzjoni ghal analyst programmer. L-applikazzjonijiet kienu saru minn tnejn minn nies u cioe` wahda mir-rikrorent u l-ohra minghand Marco Scicluna li kien u ghadu jahdem mal-Card Services Limited. li hija wahda mis-sussidjarji mill-BOV Group. Vacancy kien hemm ghal post wiehed biss.

Kellhom jaghazlu min fil-fehema taghhom kien l-aktar adatt ghal din il-kariga minn dawn it-tnejn minn nies. Setgha jirrejalizza waqt l-interview li r-rikorrent Mizzi kien maqtugh mill-IT mill-1987 ghax milli jidher mill-1987 sal-1995 ma kienx zamm ruhu abreast mas-sitwazzjoni. Fil-fatt il-bank kien iddecieda ghat-tarf tal-1980` s u l-bidu tal-1990` s li jizviluppa b` mod qawwi l-Information Technology Section tieghu u ghalhekk kien fil-fatt gab kap li kien Awstraljan u llum il-gurnata ghandu l-pozizzjoni tieghu x-xhud u li dan kien beda jfittex diversi nies biex ikun jista` japgrejdja notevolment l-IT Section. Fil-fatt kienu qieghdin ifittxu

primarjament nies mill-bank stess pero` anke f` xi kazijiet minbarra l-bank, nies li jkunu kwalifikati bizzejjed u li setghu jimplimentaw id-decizjoni li l-Information Technology Section tal-bank tigi notevolment upgraded.

Hubert Caruana AGM Banking Operations xehed li dak iz-zmien kien head of Human Resources. Semma li jaf lir-rikorrent ghal dawn l-ahhar 23 sena impjegat mal-Bank of Valletta. Dwar ix-xoghol tieghu hu personali ma kellux relazzjonijiet hziena mieghu. Taht human resources, iz-zmien li kien fil-computer department, ma kellhomx kuntatt. Fl-1987 ir-rikorrent kien fil-computer section tal-bank. Fl-1987 il-bank kien iddecieda li dwar computers jaghmel infrastruttura gdida shiha li tinkludi computers fil-branches kollha, sistema gdida ghall-branches kollha u ghalhekk gab espert minn barra, Mike Thomas, biex jiehu hsieb jibni dan id-dipartiment, ITSD. Kwazi kollox kien f` idejn dan Mike Thomas kif jiddeciedi li jdahhal in-nies.

Mike Thomas kien il-barrani, imbaghad kien hemm executive Malti li kien responsabbli tal-I.T. li kien John Cassar White jigifieri if anything kienu jsiru l-affarijiet fuq decizjonijiet ta` Mike Thomas u jendorsjahom dan Cassar White. Probabbilment kien jendorsjahom il-board jew l-executive committee jew il-board of directors. Lill-Human resources kienet tigi fatt kompjut. Id-decizjonijiet kienu jigu minghand is-Sur John Cassar White li kien general manager il-finance dak iz-zmien li kienet tinkorpora t-technology.

Mike Thomas kien dam Malta ghall-perjodu ta` xi 5 snin u kien jiehu hafna decizjonijiet hu dwar il-persuni li jkun irid fis-sezzjoni tieghu. Xehed li ma kienx involut meta applika s-Sur Mizzi biex jidhol fl-ITSD.

Semma li jista' jkun li r-rikorrent gie trasferit qabel ma` Mike Thomas gie Malta. Semma li l-istruttura li kellhom il-Bank fuq teknologija qabel ma gie Mike Thomas kienet wahda limitata hafna u kien in segwitu li gie Mike Thomas li l-bank espanda hafna fuq it-teknologija.

Fl-affidavit Noel Radmilli semma li f'Mejju tal-1987 hu sar Head tal-Personnel Dept tal-Bank of Valletta Ltd. Ftit wara illi ha dan l-inkarigu f'idejh kien infurmat illi kien hemm il-htiega illi jsir redeployment ta' l-istaff mifruxa tista tghid mal-Bank kollu. Kienu caqalqu 'l fuq minn 260 ruh. Il-General Workers Union kienet ghamlet rappresentazzjonijiet fuq xi ghaxra biss minn dawn.

Xehed li dwar il-kaz ta' Tancred Mizzi ma jiftakarx ir-ragunijiet specifici tat-transfer tieghu. Zied li l-hekk imsejjah Computer Unit fejn kien jahdem ma kien Computer Unit xejn izda biss ufficju fejn kienu jahdmu l-pagi b' sistema rudimentali hafna u ma kellha x'taqsam xejn ma dak illi eventwalment sar il-Computer Centre. Kien hemm gja l-ideja li kellha ssir il-computerisation totali tal-bank. Lil Tancred Mizzi baghatuh l-Investment Finance Bank (IFB) li kien posting ta' prestigju. Sostna li t-transfer tar-rikorrent ma setax sar b' xi tpattija ghall-fehmiet politici tieghu izda ezigenzi tal-bank.

Ikkonferma li kien imdahhal fid-decizjoni biex jigi trasferit Tancred Mizzi. Xehed illi “Mistoqsi ghalfejn jien flimkien ma’ ufficjali ohra tal-Bank, hassejna li skond l-esigenzi tal-Bank Tancred Mizzi kellu jigi trasferit hemmhekk nghid li d-dettalji precizi ta’ x’kienu l-esigenzi tal-Bank ma niftakarhomx wara dawn is-snin kollha. Mistoqsi fil-computer unit minn min kien gie sostitwit Tancred Mizzi nghid li ma niftakarx. Hemm ir-records. Mistoqsi jien kellix x’naqsam ma’ l-ghazla tas-sostitut ta’ Tancred Mizzi nghid li iva, it-transfers kienu kollha jsiru bl-istess mod. Mistoqsi niftakarx ir-ragunijiet ta’ ghalfejn ahna gejna mgieghla naghzlu s-sostitut ta’ Tancred Mizzi nghid li le ma niftakarx id-dettalji ta’ dan”.

Kien issostitwixxa lil Tancred Mizzi fil-computer centre Brian Micallef li kellu l-grad dak iz-zmien ta’ Manager 2. Filwaqt li Tancred Mizzi kien Asst. Manager. It-trasferiment ta’ Mizzi u ta’ Micallef kienu direct switch. Dwar l-esperjenza ta’ Brian Micallef fil-computer semma li qabel kien fil-computer centre. Bhala gustifikazzjoni tat-trasferiment tar-rikorrent raguni ta li kienet haga normalissima u li ssir ta’ spiss.

Gie prezentat affidavit ta’ John Cassar White li kellu r-responsabbilita’ tal-IT(Information Technology) tal-Bank f’Dicembru tat-1987; sa dakinhar il-Bank kellu Dipartiment tal-Kompjuter li kien jiehu hsieh xi bzonnijiet bazici bhal payroll. Meta fl-1987 gie deciz li l-bank kellu jikkompjuterizza s-sistema tal-accounts tieghu, inbeda process biex tigi ffurmata sezzjoni tal-

IT li giet imsejha Information Technology Services Department. Id-dipartiment tal-computer l-antik thalla jezisti ghal xi zmien flimkien mas-sezzjoni l-gdida sabiex is-sistemi li l-Bank kien ghadu qed juza jkunu jistghu jibqghu jithaddmu. Xi haddiema li kienu jahdmu fid-Dipartiment tal-Kompjuter l-antik eventwalment gew trasferiti ghall-ITSD. Imma dan ma kienx il-kaz ghall-impjegati kollha tad-Dipartiment tal-Kompjuter l-antik minhabba l-fatt li xi whud minnhom ma kienux ikkunsidrati li kellhom l-aptitude necessarju biex setghu jiehdu posthom fis-sezzjoni l-gdida tal-ITSD. Dan kien dovut principalment minhabba l-fatt li l-immanigjar ta' progetti godda tal-IT kien jiddependi hafna milli wiehed ikun jaf jaddatta ruhu ghall-metodologiji strutturati godda li xi impjegati li kienu fuq l-IT qabel sabuha difficli hafna biex jadattaw ruhhom ghaliha. Fl-1988 gie deciz li jsir dipartiment gdid tal-IT.

Xehed Alfred Pace Assistant General Manager mal-Bank of Valletta u qal "Mistoqsi jien niftakarx ir-raguni partikolari ghat-trasferiment ta' Tancred Mizzi r-rikorrent nghid li r-raguni partikolari ma niftakarhiex, li nista nghid huwa li trasferimenti mal-bank isiru madwar 400 fis-sena, u li nista' nghid huwa li r-raguni li nista' niftakar huwa li hafna mit-transfers qed isiru minhabba l-esigenzi tal-bank. Izda r-raguni partikolari ma niftakarhiex.

Fi zmien is-Sur Mizzi il-Computer Department kien qieghed jifforma ruhu. Eventwalment sar l-ITSD. Jidher li s-Sur Mizzi kien Programmer u anke Systems Analyst dawk iz-zmenijiet.

Semma li s-salary brands ta' Senior Programmer - Grade 3 fi Frar 2001 kien Lm6555 up to Lm8859 u ta' Systems Analyst - Grade 4 kien Lm7234 up to Lm10042.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent li sal-1987 kien jahdem fil-Computer Department tal-Bank of Valletta gie trasferit ghall-Investment Finance Bank ftit wara l-elezzjoni tal-1987. Raguni ghala sar dan it-trasferiment ma nghatatx ghajr li kienet l-ezigenzi tas-servizz u li fil-bank isiru kwantita` ta' transfers.

Dwar l-ezigenzi tas-servizz fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Huwa veru li kif jirrizulta mid-diversi xhieda li deheru quddiem it-Tribunal li l-Computer Department tbiddel radikalment sussegwentement u kien hemm bzonn ta' nies kwalifikati aktar fl-Information Technology. Izda d-decizjoni dwar it-transfer tar-rikorrent kienet gja ttiehdet qabel ma gie l-espert Awstraljan fis-

sistema tal-kompjuterizzazzjoni u ghalhekk ma setax kien dan li hass li r-rikorrent mhux adattat ghax-xoghol li kien qieghed jippjana.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issemma wkoll il-fatt li Mizzi qatt ma rega' ntbaghat lura fl-ITSD izda dwar l-applikazzjonijiet il-godda li saru wara l-1995 dawn jaqghu barra mill-kompetenza tat-Tribunal. Ukoll it-Tribunal ihoss li t-talba ta' Mizzi biex jintbaghat lura fl-ITSD f' dan l-istadju hija ferm difficli li tigi milqugha minhabba li l-IT llum il-gurnata saret suggett wisq specjalizzat li minghajr ma Mizzi jinghata training adegwat ikun jista' jaghti s-servizz efficjenti li mdorri jaghti.

Peress li ghalhekk jirrizulta li Mizzi gie trasferit minghajr raguni valida fl-1987, u peress li hadd mix-xhieda ma semma xejn negattiv fil-konfront tieghu anzi kien hemm kummenti favorevoli dwaru izda peress li jhoss li f' dan l-istadju t-Tribunal ma jistax b' sens ta' responsabbilta` jordna ghar-raguni fuq imsemmija li Mizzi jerga' jigi trasferit fl-ITSD, ihoss li a tenur tal-ligi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-bank intimat jordna li r-rikorrent jinghata kumpens ta' erbat elef lira Maltin [LM4000].

Spejjez kontra l-bank intimat.